MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Numru. 331/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**vs**
**Edward Zahra**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Edward Zahra ta’ 29 sena iben Joseph u Carmen nee’ Spiteri imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Ottubru 1981 u residenti ‘Giorgio Court’ Flat 3, Triq il-Qanpiena, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 619981(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’Dicembru 2010 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz

minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika u cioe' Transport Malta, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini ta' l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Magistrati(Malta) datata 27.11.2007 liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Frar 2011 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2011 iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Mejju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat

wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat l-fatt ukoll li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 188, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------